- *Stockbroker mhux liċenzjat*
- *Eċċezzjonijiet imqanqla informalment*
- *Misapproprijazzjoni*
- *Ksur tar-relazzjoni fiduċjarja*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM 28 ta' Settembru 2020.**

**Rikors Nru. 867/08GM**

**Howard Stanley Kreiss ID 0203205L**

**vs**

**Andrew Zrinzo ID157762M u martu Lisa Janet Zrinzo ID380277M għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

(I) Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu, l-attur, abbażi tas-segwenti allegati fatti illi:-

1. Huwa nkarika lill-konvenut Andrew Zrinzo bit-tmexxija u investiment ta' flusu li kienu jammontaw għal US$ 2,700,000.

2. Għall-fini tat-twettieq tal-inkariku li ta lill-konvenut Andrew Zrinzo l-esponent ta prokura lill-istess konvenut [Dok. HSK1].

3. Il-konvenut Andrew Zrinzo nissel fl-esponent il-konvinċiment li kien debitament awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jassumi l-kompiti li kien fdalu l-esponent.

4. Wara li flus l-esponent bdew jitmexxew mill-konvenut Andrew Zrinzo għal skop ta' investiment, irrizulta li l-konvenut Andrew Zrinzo mhux biss ma kienx debitament awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jassumi l-kompiti li kien fdalu l-esponent, iżda amministra ħażin dawk il-flus u saħansitra approprija ruħu ndebitament minn flus l-esponent, qarraq bih u mingħajr il-kunsens tal-esponent u bil-moħbi tiegħu żamm għandu flus li kienu jappartjenu lill-esponent b'mod li mill-flus kollha li kien afda f'idejn l-konvenut Andrew Zrinzo ma fadal xejn.

5. L-attur skopra dan kollu ftit tax-xhur ilu meta kien infurmat mis-soċjeta` finanzjarja estera **Williams de Broe plc** li l-kont ta' investiment magħha f'isem l-esponent kien ingħalaq ad insaputa tiegħu u mingħajr il-kunsens tiegħu mill-konvenut Andrew Zrinzo jew minn persuni nkarikati mill-istess Andrew Zrinzo f'Marzu tal-2007 bil-flus igħaddu taħt il-kontroll effettiv tal-konvenut Andrew Zrinzo.

6. Għalkemm ippreżenta mandati kawtelatorji kontra l-konvenuti sabiex iħallsu il-kreditu tiegħu, dawn baqgħu inadempjenti.

Talab lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-konvenut Andrew Zrinzo amministra ħażin l-flus li kienu fdati lilu għal skop ta' investiment mill-esponent.

2. Tillikwida d-danni li ġarrab l-esponent ħtija tal-amministrazzjoni ħażina tal-konvenut Andrew Zrinzo *occordendo* bl-opra ta' periti *nominandi.*

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-esponent id-danni hekk likwidati.

4. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut Andrew Zrinzo, mingħajr il-kunsens tal-esponent u bil-moħbi tiegħu, approprija ruħu ndebitament jew b'qerq minn flus li kienu fdati lilu mill-esponent għal skop ta' investiment.

5. Tillikwida d-danni kollha [inkluż it-telf] sofferti mill-esponent, kemm bħala kapital kif ukoll bħala imgħax, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

6. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-esponent dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut lilu in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1280/2008 u dawk tal-Mandat ta' Qbid Nru. 1281/2008, u bl-imgħax legali b'effett mill-14 ta' Awwissu 2008 kontra l-konvenuti;

Rat ir-Risposta Ġuramentata li permezz tagħha l-konvenuti eċċepew illi:-

1. Din il-kawża hija konnessa ma' kawża oħra Rikors numru 866/2008 JRM fl-ismijiet Howard Stanley Kreiss vs Patrick Zrinzo et. Patrick Zrinzo huwa ħu il-konvenut Andrew Zrinzo. Il-mertu ta' din il-kawża jifforma parti mill-mertu ta' kawża msemmija. Għalhekk la darba hemm konnessjoni bejn iż-żewg kawzż, ikun opportun li dawn il-kawżi jinstemgħu flimkien u l-esponenti qegħdin jagħmlu talba f'dan is-sens.

2. Kontra l-konvenut Andrew Zrinzo hemm pendenti proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati dwar l-istess mertu ta' din il-kawża. Il-konvenuti għalhekk jitolbu s-soprasessjoni ta' din il-

Qorti sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri kriminali kontra Andrew Zrinzo.

3. It-talba tal-attur hija irritwali għaliex l-attur kien messu talab li l-eċċipjent Andrew Zrinzo jagħti rendikont u jekk dan ir-rendikont ma kienx a sodisfazzjon tiegħu, legalment għandu jieħu passi skond l-artikolu 392 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

4. It-tieni u t-tielet talba tal-attur huma irritwali għaliex stante li kellu jkun hemm talba għar-rendikont, kien wara dak l-istadju li l-attur seta' jitlob xi danni riżultanti minn dik l-amministrazzjoni u dan b'kawża ad hoc u għalhekk anke f'dan il-każ dawn it-talbiet huma intempestivi.

5. Il-ħames u s-sitt talba huma irritwali u kontradittorji fil-konfront tal-ewwel tlett talbiet u għalhekk għandhom jiġu miċħuda.

6. Lisa Janet Zrinzo mhix il-legittimu kontradittrici u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjes kontra l-attur.

7. It-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuta Lisa Janet Zrinzo huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi hija bl-ebda mod ma kienet involuta fit-trasferiment jew amministrazzjoni tal-fondi tal-attur. Għalhekk la darba hija qatt ma kellha taħt il-kontrol tagħha l-flus tal-attur, hija ma setgħet qatt tamministra il-flus tiegħu jew tikkagunalu danni.

8. Mhux minnu illi l-attur inkariga lill-konvenut Andrew Zrinzo bi tmexxija u investimenti ta' flusu. Lanqas ma huwa minnu illi l-attur ta prokura lill-konvenut biex iwettaq dak li qed jallega l-attur fl-ewwel paragrafu tar-rikors.

9. Il-prokura ngħatat liberament milll-attur biex il-konvenut Andrew Zrinzo jagħmel l-arranġamenti neċessarji biex l-attur jinkariga lill Williams de Broe Plc bħala l-brokers tiegħu kif fil fatt għamel. Għalhekk jeħtieġ li jiġu kjamati fil-kawża Williams de Broe Plc;

Rat li l-ewwel eċċezzjoni ġiet irtirata waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar 2010 billi l-kawża numru 866/08 ġiet ċeduta[1];

Ikkunsidrat:

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawża tinstab differita għallum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

(II) Illi t-tieni eċċezzjoni m'għadhiex tiswa billi l-kawża nstemgħet xorta waħda u, barra minn hekk, il-proċeduri kriminali ġew konklużi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Gudikatura Kriminali) tal-21 ta' Ġunju 2016;

(III) Illi permezz tat-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet, il-konvenuti jsostnu li t-talba tal-attur hija irritwali għaliex l-attur kien messu talab li l-eċċipjent Andrew Zrinzo jagħti rendikont u jekk dan ir-rendikont ma kienx a sodisfazzjon tiegħu, legalment għandu jieħu passi skond l-artikolu 392 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u kien wara dak l-istadju li l-attur seta' jitlob xi danni riżultanti minn dik l-amministrazzjoni u dan b'kawża *ad hoc* u għalhekk anke f'dan il-każ dawn it-talbiet huma intempestivi. Din il-Qorti ma taqbilx. Il-proċedura tagħna mhijiex waħda formulari. It-talbiet jiġu msejjsa fuq fatti li juru ksur ta' dritt sostanzjali. Huwa fid-dispositiv tal-attur li jagħżel x'tip t'azzjoni jieħu u ma jistax jiġi mpedut milli jieħu tip t'azzjoni għaliex seta' ħa tip t'azzjoni oħra qabel.

[1] Fol 127

Lanqas jista' jiġi mġiegħel jagħmel żewġ kawżi minflok waħda. Naturalment it-tip t'azzjoni li wieħed jieħdu jimpinġi fuq il-piż tal-prova. Li kieku l-attur talab li jsir rendikont, dan ir-rendikont kien ikun a kariku tal-konvenut; imbagħad il-piż kien idur fuq l-atturi biex jattakkawħ. Fil-każ preżenti, l-attur għażel li jitlob mill-ewwel dikjarazzjoni li l-konvenut amministra ħażin l-assi tiegħu u allura l-piż tal-prova ta' dan imur kollu fuq l-attur. B'daqshekk imma ma jfissirx li istitwixxa l-azzjoni qabel il-waqt. It-tielet u r-raba eċċezzjonijiet għalhekk huma mingħajr bażi. Dan apparti li ngħataw diversi rendikonti minn żmien għall-ieħor mill-konvenut;

(IV) Illi l-ħames eċċezzjoni hi li l-ħames u s-sitt talba huma irritwali u kontradittorji fil-konfront tal-ewwel tlett talbiet u għalhekk għandhom jiġu miċħuda. Huwa minnu li t-talbiet għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni huma magħmulin darbtejn; iżda jirreferu għal aspetti diferenti tal-allegata ħsara, u dan sejjer jittieħed in kunsiderazzjoni mill-Qorti meta tiġi biex tiddeċiedi dwar l-istess talbiet;

(V) Illi s-sitt eċċezzjoni hi li Lisa Janet Zrinzo mhix legittimu kontradittur. Dan mhux il-każ. Hija ġiet imħarrka "għal kull interess li jista' jkollha"; riferenza evidenti għall-interess tagħha bħala possibbli kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti li tista' tiġi milquta bl-eżitu ta' din il-kawża;

(VI) Illi s-seba' eċċezzjoni hi li Lisa Janet Zrinzo ma ppartecipat bl-ebda mod fir-relazzjoni ta' bejn żewġha u l-attur. Dan huwa minnu iżda l-premessi tal-attur fir-rikors ġuramentat jieħu kont ta' dan il-fatt. Hija biss it-talba (doppja) għall-kundanna għall-ħlas li hija diretta wkoll kontra l-konvenuta; din it-talba hi valida limitatament għal sehem il-konvenuta fi kwalunkwe komunjoni tal-akkwisti talvolta eżistenti bejnha u bejn żewġha, kif ingħad fil-paragrafu preċedenti;

***Provi***

(VII) Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta li:

(1) Il-konvenut kien impjegat ma' Interfinance Limited u kien jamministra l-portafoll tal-flus li l-attur kien inkarika lill-istess soċjeta` biex tinvestihomlu. Fis-sena 2000, il-konvenut temm l-impjieg tiegħu u fetaħ għal rasu iżda baqa' jamministra l-portafoll tal-attur u taħ parir li jitrasferixxi l-ishma li kellu ma' James Capel Investment Management Limited b'valur ta' madwar US$ 2,500,000, għal għand WdB f'Londra[2].

(2) 14.11.2000: permezz ta' prokura, l-attur awtorizza lill-konvenut "*to execute any document, to give any directions and to do all such other things as in his discretion he may consider expedient in relation to the purchase, sale, management or exercise of any or all rights arising out of any investments... provided that the same are undertaken through Williams de Broe plc*". F'dan iż-żmien, il-konvenut kellu portafoll personali, taħt l-isem ta' Vertical Investments, ma' WdB li kien jiswa £850,000 u kellu debit id-doppju i.e. £1,600,000.

(3) L-ewwel statement li bagħat il-konvenut lill-attur juri valur totali ta' US$ 1,293,955; l-aħħar statement juri valur ta' US$ 704,045. Dawn l-istatements ma kinux maħruġin mid-WdB, imma mill-konvenut innifsu.

(4) Bejn Ottubru 2001 sa Diċembru 2002 'sparixxew' shares jiswew US$ 375,475;[3] bejn Mejju 2001 sa Gunju 2002 'sparixxew' shares jiswew STG£742,414. 'Sparixxew' fis-sens li ma jidhirx li daħal korrispettiv għalihom wara li ma baqgħux jidhru fil-portafoll tal-attur;[4]

(5) 09.11.2001: sar attakk terroristiku fl-Istati Uniti u kkrollaw is-swieq finanzjarji. Ftit wara l-attakki tad-9/11, preċiżament f'Ottubru 2001, Julian

[2] Skont ma jiddikjara l-attur fl-affidavit tiegħu a fol 30
[3] kalkoli ta' Neville Curmi fol 446
[4] kalkolu ta' Neville Curmi fol 447

Parker mid-WdB għamel kuntatt ma' andrew Zrinzo u nfurmah illi WdB kellhom bżonn jieħdu azzjoni drastika fuq il-kont tiegħu bl-isem ta' Vertical Investments, minħabba l-*gearing* fuq il-kont. WdB kienu taw din il-faċilita` li wieħed jista' jissellef kontra l-valur tas-*securities* tiegħu, biex ikompli jixtri l-ishma. Wara l-inċident tal-9/11 id-dejn fuq il-kont ta' Zrinzo kien tiela' m'mod allarmanti kontra l-ammont ta' *securities* li kien hemm.

Lill-pulizija waqt l-interrogazzjoni li għamlitlu dwar misapproprijazzjoni tal-fondi tal-attur u oħrajn, Zrinzo qalilhom hekk: "Gejt taħt pressjoni minn Julian Parker biex il-bilanċ tal-account ikun iktar bilanċjat mal-ammont tad-dejn tiegħi u kien għalhekk li l-accounts tal-klijenti tiegħi ġew abbinati mal-account tiegħi. Ngħid li dan sar minn Julian Parker kontra l-volonta` tiegħi u taħt pressjoni enormi. Qatt ma kienet l-intenzjoni tiegħi li l-accounts tal-klijenti jiġu abbinati ma' tiegħi."[5]

Waqt dawn il-proċeduri, l-konvenut ta' verżjoni daqsxejn differenti. Jgħid li Parker qallu li WdB kienu esegwew *lien* fuq il-kontijiet kollha li kienu amministrati minn Zrinzo; u li għalhekk ġie ffaċċjat b*'fait accompli*. Dan kollu sar verbalment u m'hemm l-ebda dokumenti li jistgħu jixhdu fir-rigward.

Filwaqt li fl-istqarrija lill-pulizija Zrinzo jagħti x'jifhem li kien ippressat jaċċetta l-abbinar tal-kontijiet tal-klijenti ma' tiegħu; waqt dawn il-proċeduri jsostni li ġie ppreżentat *b'fait accompli* – f'liema każ ma kien hemm xejn x'jaċċetta taħt pressjoni.

Il-konvenut jgħid li qal lil WdB illi setgħu jagħmlu li jridu bil-kont tiegħu imma l-flus tal-klijenti ma kellhomx x'jaħtu; illi dak li kienu qed jagħmlu kien illegali u mmorali u li se jfittex parir legali. Julian Parker tah il-parir biex jikkopera u wissieh illi jekk se jagħmel hekk, kienu se jagħlqulu l-kontijiet minnufih. [6]

---

[5] stqarrija lill-pulizija tal-konvenut 28.05.2008
[6] ara xhieda tal-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fol 1729

(6) F'dan l-istadju Zrinzo hu rrappurta l-każ lill-FSA Ingliża u lanqas informa lill-attur dwar x'kien qed jiġri.[7]

(7) Zrinzo poġġa d-dar tiegħu fuq is-suq biex bil-flus jipprova jibni l-portafoll tal-klijenti. Sadanittant użaha bħala *collateral* biex akkwista *moratorium* u WdB jieqfu jbiegħu l-ishma tal-klijenti bl-addoċċ.

(8) 01.02.2002: il-kont tal-attur kien qiegħed ikun *overdrawn* sakemm fid-19.06.2003 kien *overdrawn* b'£192,193. L-ammont *overdrawn* ġie mħallas minn Vertical Investments, kumpannija tal-konvenut in segwitu ta' rikjesta telefonika tal-20.12.2003. L-attur qatt ma ta permess biex il-kont tiegħu jiġi *overdrawn.*

(9) Marzu 2003: Zrinzo ħa mortgage ta' £1,200,000 fuq id-dar ma' Barclays u dawn il-flus spiċċaw ħaduhom WdB. Minkejja dan WdB iffriżaw il-kont u tefgħuh taħt sorveljanza stetta.

(10) 27.10.2004 Għalhekk Zrinzo rrikorra għal dawk il-flus li kien itrasferixxa għal fuq il-kont ta' Kreiss. Ħa US$ 90,000 minnhom u tefgħagħhom fuq *trading account* żgħir illi kellu ma' IG Markets, li kienet derivatives stockbroker bħal WdB. L-ishma ġew trasferiti lil Finacom Investment House Limited f'kont tal-HSBC; wara li WdB kienet irċeviet ittra mingħand Finacom iffirmata minn Patrick Zrinzo, ħu l-konvenut. Mill-kont tal-Finacom il-flus għaddew għand Euromed u IG Markets, kumpanniji li kellu nteress jew sehem fihom il-konvenut, biex il-konvenut ikun jista' jaħdem bihom u jipprova jaħdem barra mis-sistema biex jirranġa s-sitwazzjoni għax WdB ffirżawlu l-kont.

Skont Zrinzo m'għamel xejn ħażin għax kien qiegħed jagħmel użu minn flus li kien itrasferixxa mill-kont personali tiegħu.

(11) 19.01. 2005: il-konvenut itrasferixxa US$ 77,000, u £40,000 mill-kont tal-

[7] fol 1731

attur għall-kont ta' klijent ieħor tiegħu - ministru Libjan fil-gvern ta' Gaddafi li ried flusu lura.

(12) Gunju 2005: konvenut issellef £1.2 miljun mingħand Barclays Swiss u bih ħallas parti mid-debitu fuq il-kont tiegħu[8].

(13) WdB biegħu il-*portfolio* kollu tal-assi li kien fadal fil-kontijiet tal-esponent u l-*portfolios* ta' dawk li kienu abbinaw mal-kont tiegħu – inkluż dak tal-attur – biex b'hekk, għajr għas-somma ta' €200,000, id-debitu tal-konvenut kompla jitħallas.

(14) 2006: Evolution Securities interveniet biex tixtri l-kumpannija WdB allura falluta. Ipprova jitlob rimedju mingħandha iżda ma ngħatax tweġiba. Il-konvenut qabbad lid-ditta Nabarro biex tfittex lil WdB minħabba l-azzjoni li ħadu kontrih u għamel rapport lill-Financial Services Authority Ingliża. F'ittra li Zrinzo kiteb lil Snow ta' Evolution Securities fid-09.09.2006, spjega x'kien ġara fuq il-kont tiegħu ta' Vertical Investments, iżda ma semma xejn fuq li WdB qabdu u abbinaw il-kontijiet tal-klijenti ma' ta' Vertical Investments[9]. Wera l-istess retiċenza mal-FSA Ingliża fis-sena 2014 meta WdB kienet marret f'likwidazzjoni[10].

(15) 15.01.2007: FSA ikkonkludiet investigazzjoni fuq WdB u sabet li l-operat tagħha in ġenerali kien illeċitu jekk mhux ukoll frawdolenti.

(16) Marzu 2007: ingħalaq il-kont tal-attur mad-WdB. L-attur ma ġiex infurmat b'dan u sadanittant baqa' jirċievi statements mingħand il-konvenut bl-i*stocks* li suppost kien għad għandu.

(17) Ġunju 2007 l-attur talab lill-konvenut biex ibiegħlu parti mill-istocks tiegħu.

[8] fol 1149
[9] depożizzjoni tal-konvenut quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kopja a fol 1008; l-ittra lil Alex Snow ta' Evolution Group tinstab esibita a fol 1150
[10] depożizzjoni tal-konvenut quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kopja a fol 1013

Il-konvenut ipprova jipperswadih biex ma jbiegħhomx; s'intendi f'dak iż-żmien fil-verita` ma kienx hemm *stocks* xi jbiegħ għax il-kont kien diġa` magħluq.

(18) 04.09.2007: l-attur irċieva US$ 85,496.24[11]; iżda mhux mingħand WdB. Il-konvenut qallu li WdB ma kinux f'pożizzjoni li joħorġulu ċekk direttament huma. Wara dan il-bejgħ, l-attur ipprova jiltaqa' mal-konvenut biex jiddiskutu l-valur tal-portafoll iżda dan kien iwieġbu li ma kienx disponibbli billi kien imħabbat ħafna. L-attur talab lill-attur jipprovdilu l-financial statements tal-bejgħ ta' dawn l-istocks, iżda dan qatt ma tagħhomlu. Sussegwentement l-attur għamel diversi attentati biex jikkuntattja lill-konvenut iżda kien għalxejn.

(19) 07.03.2008: l-attur ikkuntattja direttament lil WdB li nfurmatu li l-kont kien ingħalaq. Fuq talba tal-attur, Wdb bagħtitlu rendikont imnejn irriżultawlu għadd ta' transazzjonijiet li ma kienx jaf bihom u qatt ma rċieva l-flus relatati magħhom għaliex il-konvenut qatt ma kien għaddielu dokumentazzjoni fir-rigward. Infurmatu li kien hemm 3 ammonti: US$ 77,000, US$ 90,000, u £40,000 meħudin mill-kont tiegħu. Kien ingħalaq f'Marzu 2007;

(20) 06.04.2008: l-attur għamel rapport lill-*Economic Crimes Unit* tal-Pulizija. Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija rriżulta li l-konvenut ma kienx irreġistrat bħala bħala *stockbroker*.

(21) 01.05.2008: l-attur irċieva *portfolio valuation report* mingħand il-konvenut as on 08.10.2007 u as on 30.04.2008, kif ukoll *cash report* bejn 01.01.2000 sa 30.04.2008. Fit-30.04.2008, l-investiment tal-attur kien ivvalutat f'total ta' US $ 704,045[12]. Il-konvenut xehed li kien jibgħat statements lill-klijenti bl-ammonti li suppost kellhom. L-istatements kienu jirriflettu l-ishma li "kellhom bil-

[11] fol 1145
[12] fol 81

prezzijiet ta' dak iż-żmien kif kienu suppost fis-suq"[13]

(22) 02.06.2008: konvenut u ħuħ Patrick Zrinzo ġew arrestati mill-Pulizija.

(23) Ottubru 2008: is-swieq internazzjonali kkrollaw b'konsegwenza tal-*credit crunch*.

(24) 28.09.2009: permezz ta' transazzjoni in segwitu ta' kawża, l-attur irċieva €148,500 mingħand Patrick Zrinzo, ħu l-konvenut. Bir-rata tal-kambju fl-1 t'Ottubru 2009, kienu jiswew US$216,000.

(25) L-attur irċieva wkoll US$ 85,496 mingħand WdB;

Ikkunsidrat:

(VIII) Illi huma fatti mhux ikkontestati illi (1) il-konvenut għamilha ta' *stockbrocker* mingħajr ma kien illiċenzjat; (2) il-kont tal-attur ġie użat biex jagħmel tajjeb għal dejn li kien hemm fuq il-kont tal-konvenut jew kumpannija tiegħu, (3) li dan sar ad insaputa u mingħajr il-kunsens tal-attur u (4) li l-kont tal-attur ġie użat biex jitħallsu klijenti oħrajn tal-konvenut.

Illi kif ġja` ngħad, il-konvenut jagħti żewġ verżjonijiet ta' x'ġara rigward l-abbinar tal-kontijiet – waħda li kien ippressat jagħmel dan u l-oħra li ġie ppreżentat *b'fait accompli* meta d-DdB unilateralment użaw il-kont tal-attur, flimkien ma' dak ta' klijenti oħra, bħala *lien*;

***Difiża mqanqla informalment.***

Illi il-konvenut ma jistax iressaq bħala fatti impedittivi tar-responsabilita` tiegħu l-azzjoni tat-terz (fl-ewwel ipotesi, ċjoe` li sab *fait accompli*) inkella l-vizzju tal-

[13] fol 958, 959

kunsens tiegħu (fit-tieni ipotesi, ċjoe` li ċeda għal pressjoni 'enormi'). Dan għaliex **m'għamilx eċċezzjonijiet f'dan is-sens fir-Risposta Maħlufa tiegħu**; la ressaq eċċezzjoni tal-forza maġġuri u lanqas tal-vizzju tal-kunsens. Il-liġi torbot lill-konvenut biex, bħala regola ġenerali, jippreżenta l-eċċezzjonijiet kollha kemm dilatorji kif ukoll dwar il-mertu, fir-risposta ġuramentata[14], u l-ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża; ħlief meta l-Qorti tkun sodisfatta li jkun hemm raġunijiet validi l-għaliex ma jkunux ingħataw fin-nota tal-eċċezzjonijiet (sic), u wara li jsirilha rikors mill-konvenut, tippermetti li jsiru[15]. Tidher kontradittorja ma' dan id-disposizzjoni l-oħra li tippermetti tnaqqis jew żieda tal-eċċezzjonijiet fir-risposta maħlufa permezz ta' nota wara l-għeluq tal-provi tal-attur u qabel ma l-konvenut iġib il-provi tiegħu[16]. Dan il-kweżit hu b'danakollu akkademiku għall-fini ta' din il-kawża. Il-Qorti qiegħdha tagħmel referenza għal dawn id-disposizzjonijiet tal-kodiċi ritwali in kwantu juru li ma jistgħux, almenu bħala regola ġenerali, jiġu ntrodotti eċċezzjonijiet jekk mhux (forsi) b'nota kif ikkontemplat fl-Art. 158(11) inkella b'rikors kif mitlub mill-Art. 728(2) tal-istess kodiċi. Ma jistgħux jitqanqlu informalment waqt id-dibattitu, anke jekk l-attur m'għamel l-ebda oppożizzjoni għall-introduzzjoni tal-provi li jistgħu iservu ta' bażi għal dawn l-eċċezzjonijiet waqt is-smiegħ tal-provi u anzi għamel li seta' biex jirribattihom fil-mertu. Il-Qorti hija konxja ta' ġurisprudenza li donnha tippermetti t-tqanqil ta' eċċezzjonijiet b'mod informali barra mir-regoli ta' preklużjoni u ta' formalita` li trid il-liġi ritwali; iżda din jidher li hi ristretta għal sitwazzjonijiet partikolari bħall-eċċezzjoni tal-ġudikat billi meta Qorti ssir taf li hemm deċiżjoni oħra mhux appellabbli, għandha d-dover li ma tiddeċidi xejn li jista' jwaqqa' dik id-deċiżjoni, fl-interess suprem tal-eliminazzjoni tal-inċertezzi tal-qagħdiet ġuridiċi ppreżentati u, fuq kollox, l-

[14] Art. 728(1) Kap 12
[15] Art. 728(2) Kap 12
[16] Art. 158(11) Kap 12

istabbilita` tad-deċiżjonijiet.[17]

Illi għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet imqanqla nformalment ma jistgħux jiġu kkunsidrati minn din il-Qorti. Il-Qorti tista' tieqaf hawn f'dan ir-rigward, imma, għall-kompletezza sejra tippronunzja ruħha dwar il-qagħda tal-konvenuti li kieku kellha tammetti dawn l-eċċezzjonijiet informalment dedotti fil-ġudizzju;

Ikkunsidrat:

(IX) Illi l-konvenut ma ppreżenta l-ebda dokument u l-ebda xhud fir-rigward taċ-ċirkostanzi li wasslu għall-użu tal-kont tal-attur l-ewwel biex jidħol speċi ta' garanti imbagħad biex jittieħed bħala *lien*; bħala prova, il-Qorti għandha biss il-kelma tiegħu. L-anqas jidher li nsista biex id-WdB tiġi msejjħa fil-kawża. Ċertament din l-anqas hi l-aħjar prova, u kien ikun wisq perikoluż għall-Qorti li tistrieh fuq prova ta' dan it-tip;

Illi l-konvenut jgħid ukoll li ma setax jieħu azzjoni legali kontra WdB għall-aġir tagħhom, li kien illeċitu, immorali u illegali, għaliex il-konsegwenza kienet tkun l-għeluq u l-bejgħ bir-ribass tal-ishma tiegħu u tal-klijenti. Għalhekk il-konvenut iddeċieda li jagħlaq ħalqu biex jirbah iż-żmien; u ma nfurmax lill-attur biex ma jallarmaħx. Anke hawn il-Qorti għandha biss il-kelma tal-istess konvenut, li jsostni li ma kienx f'qagħda li jipproduċi bħala xhieda l-uffiċċjali tal-WdB. Il-Qorti ma tistax taddossa ħtija fuq WdB għaliex din qatt ma kienet parti f'din il-kawża. Il-Qorti ma ssibx il-verżjoni tal-konvenut kredibbli. Fl-ewwel lok issibha ferm inverosimili li kollox sar bil-fomm, u li ma kien hemm l-ebda komunika permezz tal-posta elettronika, imqar biex il-konvenut jingħata rekord tal-fużjoni tal-kontijiet, l-impożizzjoni tal-*lien*, deskrizzjoni tal-kont jew kontijiet ġodda, u transazzjonijiet oħra. Iktar tinklina tikkonkludi li l-konvenut m'esebihomx għaliex ma kienx fl-interess tiegħu li jagħmel dan. Fit-tieni lok, għaliex

[17] Care Services Limtied v Mario Muscat 13.11.2009 Qorti tal-Appell, *coram* Onor. Imħ. Philip Sciberras li tirreferi għal ġurisprudenza anterjuri; ara wkoll Lawrence Cuschieri v Alfred Cassar 17.10.2007, ukoll ippronunzjata mill-istess imħallef insinji.

saħansitra meta l-mannara ma kinitx għadha fuq rasu, ċjoe` żmien wara meta lmenta mal-Evolution Securities li ssuċċediet lid-WdB wara li din marret f'likwidazzjoni; kif ukoll meta għamel rapport mal-FSA Ingliża, l-ilmenti tiegħu kienu limitati għal dwar kif kien ittrattat hu, u ma jsemmi xejn dwar kif ġew allaċċjati l-kontijiet tal-klijenti tiegħu ma' tiegħu. Wieħed jistenna li lment importanti bħal dan ma kienx sejjer jiġi maqbuż. Il-konvenut jagħti spjegazzjoni fjakka l-għala baqa' ma semma' xejn. Bħala fatt, jirriżulta li l-konvenut qabeż għal ġidu, iżda ma lissinx kelma dwar il-klijenti tiegħu;

Illi għalhekk l-eċċezzjonijiet informalment imqanqla ma kinux jirċievu favur minn din il-Qorti li kieku kellha tammettihom fil-kawża;

Ikkunsidrat:

(X) Illi anke fl-aħjar ipoteżi għall-konvenut, ċjoe` li hu m'aċċetta xejn iżda ġie ffaċċjat b*'fait accompli,* messu ħa azzjoni legali u/jew għamel rapporti tempestivi lill-FSA Ingliża. Kellu wkoll jinforma lill-attur. Il-benefiċċjarju minn din il-viċenda kollha kien biss il-konvenut; li gawda *moratorium* a skapitu tal-attur. Il-Qorti għalhekk mhix daqstant impressjonata meta l-konvenut jisħaq li dak li għamel kien fl-interess tal-klijenti. Ċertament m'aġixxiex bħala *bonuspaterfamilias* u fl-aħjar interessi tal-klijent;

Illi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji ir-relazzjoni bejn il-provditur tas-servizz u l-klijent hija bbażata fuq il-fiduċja li l-klijent ikollu f'min jifhem iktar minnu u għalhekk il-provditur għandu juża' diliġenza professjonali ta' grad għoli sabiex jipproteġilu flusu, ħaġa li l-konvenut m'għamilx. Il-fatt li l-konvenut kien qed jagħmilha ta' *stockbrocker* mingħajr il-liċenzja tal-MFSA aktar tiggrava l-qagħda tal-attur għaliex il-liċenzjar u l-applikazzjoni ta' regolamenti f'dan ir-rigward saru biex jagħtu protezzjoni lill-investitur. *Stockbrocker* mhux liċenzjat ma jistax jiġi ssindakat mill-MFSA u għalhekk ikun qiegħed jopera barra r-reġim regolatorju b'saff inqas ta' sigurta` għall-konsumatur. In-nuqqas ta' liċenzjar

huwa għalhekk fih innifsu nuqqas ta' diliġenza tal-bonuspaterfamilias u ksur tar-relazzjoni fiduċjarja;

Illi waqt li l-kont tal-attur kien għadu miftuħ, il-konvenut ġibed minnu flus biex iħallas klijent ieħor, kif ukoll ġibed flus sabiex skontu jinvesti biex jirkupra l-flus li l-attur kien tilef; billi jinvesti barra mill-WdB li kienet iffriżatlu l-kontijiet – ħaġa li kienet teżorbita mill-mandat tiegħu li kien limitat fl-operat tiegħu għall-WdB. Il-konvenut isostni li l-flus li ġibed, kemm biex iħallas lil klijent ieħor tiegħu kif ukoll dawk li ġibed biex jinvestihom, kienu flusu stess għaliex kienu parti mill-flus li huwa kien iddepożita fil-kont tal-attur biex jaqtagħlu d-dejn. Id-dejn iżda ma kienx awtorizzat li jagħmlu u għalhekk meta qatgħu ma jistax jgħid li d-depożitu relattiv kien baqa' b'xi mod flusu stess. Dawn kienu effettivament flus l-attur u ta' ħadd iktar. Tant li l-Qorti tal-Maġistrati m'aċċettatx din it-tip ta' difiża u sabitu ħati ta' miżappropprijazzjoni.[18] Min-naħa l-oħra, huwa minnu li dan l-ammont ġie rifuż lilu mill-konvenut jew minn ħuħ;

B'danakollu, din il-kondotta ċertament turi li l-konvenut ma kienx qiegħed jamministra l-kont tal-attur fl-interess tal-attur. Minn sa ftit xhur wara li beda jamministralu l-kont mad-WdB, m'aġixxiex fl-aħjar interess tal-attur u anzi poġġa lilu nnifsu f'qagħda li lanqas ma seta effettivament jagħmel dan;

Ikkunsidrat:

(XI) Illi permezz tat-tmien u d-disa' eċċezzjonijiet, il-konvenut ċaħad li l-attur inkarigah bit-tmexxija u investimenti ta' flusu, jew li l-attur taħ prokura għal dan l-iskop. Jgħid li l-prokura li tah kienet biss biex il-konvenut jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex l-attur jinkarika lil WdB bħala l-*brokers* tiegħu kif fil-fatt għamel. Illi ma jirriżultax li dan huwa minnu. Fil-prokura, il-konvenut ingħata s-setgħa li jamministra l-fondi tal-attur, u li jixtri u jbiegħ l-ishma tiegħu,

[18] Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali 21.06.2016 fl-ismijiet Il-Pulizija v Andrew Zrinzo et.

bil-limitazzjoni espressa li jagħmel dan tramite d-WdB.  Dawn l-eċċezzjonijiet għalhekk sejrin jiġu miċħuda.  Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tikkummentax li fl-ipotesi li  l-konvenut ma kellux x'jaqsam mal-kont tal-attur fid-WdB, allura l-inġerenzi tiegħu fl-operat tal-kont kienu abbużivi anke għar-raġuni li ma kinux awtorizzati;

Ikkunsidrat:

***Responsabilita` u rikapitulazzjoni***

Illi l-attur issodisfa l-*burden of persuasion* inkombenti fuqu billi ressaq provi konvinċenti tal-fatti ġuridikament relevanti għat-talbiet tiegħu, u ċjoe` li l-konvenut amministra ħażin flus li fdalu biex jinvestihomlu; u li approprija ruħu minnhom indebitament u b'qerq, u li dan wassal għat-telfien ta' dawn il-flus.

Illi d-difiża tal-konvenuti, hekk kif ikkonfezzjonata fit-Tweġiba Maħlufa tagħhom, hi fil-maġġorparti tagħha ta' indoli proċedurali, u fil-mertu tikkonsisti biss fiċ-ċaħda li l-attur inkarika lill-konvenut biex jamministralu flusu.  Ċaħda li b'mod lampanti tirriżulta mhux veritjera mill-provi akkwiżiti.  Il-konvenut, fil-kors tas-smiegħ tal-kawża, qanqal, b'mod informali, difiża ġdida:  dik tal-forza maġġuri.  Difiża din li l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħha għal l-eċċezzjonijiet għandhom jitqanqlu b'mod formali.  Ankorke` kellha l-Qorti tieħu konjizzjoni tagħha, il-piż tal-prova tagħha kien jaqa' ċomb fuq il-konvenuti.  Fil-fehma tal-Qorti huma naqsu milli jġibu prova konvinċenti fir-rigward.

***Likwidazzjoni tad-danni***

(XII)  Illi l-attur fl-affidavit tiegħu jistqarr li l-valur tal-i*stocks* meta sar it-trasferiment minn James Capel Investment Management lil Williams de Broe plc, kien ta' madwar US$ 2,500,000.  Huwa ma jipproduċi l-ebda prova dokumentarja ta' dan il-valur.  Neville Curmi, diriġent ta' Interfinance Limited, – xhud prodott mill-attur -  xehed li skont l-*opening account* form ma' WdB li l-attur fetaħ bil-

koperazzjoni tal-konvenut kien hemm "żewġ miljuni sterlini". [19] Dwar din l-asserzjoni, ġie kkontro-eżaminat, xehed li dan l-ammont jirriżulta "mill-valutazzjoni li konna għamilna dak iż-żmien ta' meta telqu x-shares"[20]. Din il-valutazzjoni ma ġietx esibita fl-atti. Żied jgħid li "hemm dokumenti oħrajn li jikkonfermaw din il-valutazzjoni speċjalment id-dokument li hemm minn Vertical Investments Limited li ġew mingħand Williams de Broe fejn kien hemm il-valutazzjoni kollha tax-*shares* li bagħtu u ntbagħtu dak iż-żmien u huma taw id-dokument, huma taw il-valutazzjoni ta' dak iż-żmien"[21] Il-valur kien il-*market value*. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jgħid li "huwa inkontestat" li fid-data tat-trasferiment, il-portafoll kien jiswa madwar US$2,500,000. Fil-verita` l-evidenza tindika li l-valur x'imkien bejn US$2, u US$ 2,500,000. B'danakollu ma ġietx prodotta l-aħjar prova fir-rigward.

Illi l-attur jissottometti li l-*punctum temporis* tal-valutazzjoni tal-portafoll għandu jkun wara l-avveniment ta' Settembru 2001 meta l-konvenut beda jutilizza l-kontijiet tal-klijenti tiegħu, inkluż l-attur, a benefiċċju tiegħu. Isostni li sa dakinhar ma setax kien hemm kambjament kbar fil-valur.

Illi l-attur stess esebixxa sensiela ta' *portfolio valuation reports* li l-konvenut kien jibgħat lill-attur. Minnhom jirriżultaw dawn il-valuri:

| Data | Valur f'US$ | fol | | |
|---|---|---|---|---|
| 30.03.2001 | 1,293,955 | 48 | | |
| 29.06.2001 | 1,566,806 | 50 | | |
| 31.12.2001 | 1,089,232 | 52 | | |
| 31.03.2002 | 808,534 | 54 | | |
| 30.06.2002 | 660,687 | 55 | | |

[19] fol 219
[20] fol 630
[21] fol 631

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Omissis | | | | |
| 31.12.2005 | 862,257 | 72 | | |
| Omissis | | | | |
| 30.04.2008 | 704,045 | | | |

Dawn kienu l-valuri li l-konvenut kien jagħti lill-portafoll. Il-valuri mogħtija fid-dati 30.03.2001 u 29.06.2001 jistgħu jitqiesu li huma veritjeri fis-sens li kien qiegħed jurih l-istampa kif kienet attwalment. Dawk ta' wara huma fittizji; huma l-valuri li l-konvenut kien jikkalkula li kellhom ikunu l-valuri li suppost kellu jkollu l-portafoll li kieku ma kienx hemm l-allaċċjar tagħhom mal-kont u mad-dejn tal-kontijiet tal-konvenut ossia ta' kumpanniji tiegħu, kif ukoll tat-tnaqqis mhux awtorizzat ta' ishma favur klijenti terzi u favur il-konvenut. Sfortunatament, il-Qorti m'għandha l-ebda spjegazzjoni kif il-valur tal-ishma niżel hekk drastikament minn meta sar it-trasferiment għal Wdb madwar Novembru 2000 u t-30.03.2001, anke jekk il-valur tal-ishma jista' jvarja sew. Lanqas ingħatat prova li tassew dawk kienu l-valuri tal-ishma fis-suq kummerċjali. B'danakollu, l-attur, li kien qiegħed jirċievi dawn l-i*statements*, qatt ma kkwerelahom. Wieħed jistenna li l-attur kien jistaqsi, *a tempo vergine*, kif u *come* kien hemm tnaqqis fil-valur ta' madwar miljun dollaru f'temp ta' madwar erba' xhur – jekk tabilħaqq dan kien il-każ, għaliex kif ġja' ngħad, ma tressqitx l-aħjar prova dwar il-valur inizzjali. Hi x'inhi r-raġuni, ma jirriżultax bħala fatt li għamel xi protest fir-rigward. Li jfisser li l-attur dak iż-żmien aċċetta dak il-valur. Valur li ma jidhirx li kien imbagħbas mill-konvenut.

Il-konvenuti jsostnu li għandu jittieħed il-valur tal-investiment kif ikkalkulat mill-konvenut stess fis-sena 2008 meta l-attur iddeċieda li jagħlaq il-kont. Isostni li dak hu l-ammont li kien isarraf l-attur li kieku l-kont ma ġiex abbinat ma' dak tal-konvenut u li l-għoti mill-Qorti ta' ammont ogħla isarraf f'"arrikkiment inġust" – jew aħjar jirċievi kumpens ogħla mit-telf li attwalment ġarrab. Illi din

il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan il-punt iżda ma tistax taċċettah. Apparti li l-valur huwa wieħed fittizju, il-Qorti tqis li l-konvenut lejn nofs is-sena 2001 kien effettivament tilef il-kontroll tal-flus li suppost kien qiegħed jamministra. Kien f'dak il-mument li l-attur ġarrab it-telf ta' flusu. Il-konvenut ma kienx f'qagħda li jtih parir dwar kif l-aħjar jamministra l-fondi mal-WdB u jekk iħallix flusu investiti mad-WdB li skont l-istess konvenut kienet qabdet it-triq tan-niżla. Min nofs is-sena 2001 l-investiment m'għandux jitqies li baqa' a riskju tal-attur. Għalhekk, bħala *punctum temporis* tal-valur tal-portafoll, il-Qorti sejra tieħu d-data tad-29.06.2001, li hi l-aħħar data qabel ma l-kont tal-attur beda jiġi abbinat ma' dak tal-konvenut. Il-valur dakinhar kien ta' US$ 1,566,806.

Għalhekk l-attur fadallu jieħu:

$1,566,806 - $85,496 = $1,481.310 = €1,255,353.45

€1,255,353.45 - €148,500 = €1,106,853.45

**Decide:**

1. Tilqa' l-ewwel u r-raba' talba billi tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut Andrew Zrinzo amministra ħażin l-flus li kienu fdati lilu għal skop ta' investiment mill-esponent, kif ukoll approprija ruħu minnhom indebitament u b'qerq.

2. Tilqa' t-tieni u l-ħames talba billi tillikwida d-danni li ġarrab l-esponent ħtija tal-amministrazzjoni ħażina tal-konvenut Andrew Zrinzo fis-somma ta' €1,106,853.45.

3. Tilqa' t-tielet u s-sitt talba billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-esponent id-danni hekk likwidati b'dan illi l-konvenuta Lisa

Janet Zrinzo tkun obbligata tagħmel tajjeb għal dan id-debitu biss b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti jekk din teżisti bejnha u bejn żewġha.

Bl-ispejjes, kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1280/2008 u dawk tal-Mandat ta' Qbid Nru. 1281/2008, u bl-imgħax legali b'effett mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA